Irkejjen Storiċi

minn Vincent ZAMMIT



L-Imperatur Klawdju

# IS-SBUĦIJA FIL-MUŻEW TA' L-ANTIKITAJIET RUMANI

Meta wieħed jitkellem dwar iż-żmien imbiegħed forsi ma tantx jaħseb dwar il-fatt li ħafna mill-istess ħsibijiet tal-bniedem dejjem baqgħu l-istess. Il-bżonn li jiekol u li jorqod kienu, għadhom u jibqgħu bżonnijiet importanti. Iżda hemm bżonnijiet li wieħed jgħidilhom li huma kemmxejn frivoli. Natural-ment, il-frivolità hi skond l-opinjoni ta' xi wħud, għax filwaqt li jkun hemm min jaħseb mod, ikun hemm oħrajn li jaħsbu kompletament l-oppost. Wieħed minn dawn it-temi, jew inkella suġġetti, hu s-sbuħija.

Is-sbuħija hi marbuta ħafna mal-moda. Hemm dik li wieħed jista' jirreferi għaliha bħala sbuħija naturali, u hemm dik li wieħed jipprova jagħmel minn kollox biex ikun aġġornat dwar l-aħħar stili u modi. Anki fl-antik il-moda li kellha x'taqsam ma' ħafna affarijiet minn dawn, kienet hemm ukoll. U jekk wieħed jagħmel żjara sal-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani, li hemm fir-Rabat, malajr jinduna b'uħud minn dawn l-oġġetti.

Ir-Rumani kellhom il-moda tax-xagħar bħalma wieħed jistenna li jsib illum. B'dan wieħed jifhem li matul iż-żmien kien ikun hemm modi partikulari. U l-aktar mod ċar fejn wieħed jista' jara dawn l-istili tax-xagħar differenti hu fl-istatwi li għad fadal f'dan il-mużew.

Hemm numru ta' uċuħ li juruna d-dettalji ferm interessanti ta' kif ix-xagħar kien jiġi ppettnat. Fil-parti t'isfel tal-mużew, fejn hemm il-mużajk ta' żmien ir-Rumani, hemm ukoll numru ta' rjus li kienu ta' statwi mdaqqsa. Waħda minnhom hi dik ta' l-Imperatur Klawdju (AD 41-54). Xagħar dan l-Imperatur hu maqtugħ qasir mar-ras, u fl-istess ħin innukklat. Wiċċ l-Imperatur ma jindikax li kellu d-daqna.

Wiċċ l-Imperatur Antoninus Pius (AD 138-161) juri aspett ieħor. Ix-xagħar hu aktar iffullat mar-ras, u juri wkoll li kellu d-daqna u l-mustaċċi. Il-perijodu bejn l-ewwel wieħed u dan it-tieni kien biddel l-istil tax-xagħar. U meta l-Imperatur kien ibiddel l-istil ta' xagħru kien ikun hemm diversi nies li jagħmlu bħalu.

Ras ta' statwa oħra li nsibu fil-kollezzjoni ta' dan il-mużew, hi dik ta' raġel mhux identifikat, li iżda hu maħsub li jmur għal żmien l-Imperatur Alexander Severus (AD 222-235). Ma nistgħux inħallu barra statwa femminili. Din ir-ras turina lil Claudia, it-tifla ta' Claudius. Xagħarha hu ferm sabiħ, u d-dettalji li hemm fiha juruna li din ma kinitx sempliċiment statwa biex tfakkar wiċċ, iżda hemm id-dettalji kollha li juru ta' liema żmien kienet. Ix-xagħar kif inhu innukklat, kif ukoll in-nokkli żgħar fuq quddiem, huma verament sbieħ u partikulari.

Apparti x-xagħar, wieħed irid jgħid ukoll li f'dan il-mużew insibu diversi oġġetti oħra li jfakkruna li l-bniedem minn dejjem kien vanituż. Hemm l-għadam li kien jintlibes fix-xagħar. Dawn fil-fatt kienu qegħdin jagħmlu l-istess xogħol bħalma sa ftit taż-żmien ilu n-nisa kien ikollhom l-isplenguni. Dawn l-oġġetti tal-għadam huma interessanti minħabba l-fatt li filwaqt li hemm uħud li huma sempliċi għall-aħħar, għax m'għandhom l-ebda dekorazzjoni fuqhom, hemm oħrajn li għandhom ċerti dettalji interessanti. Fil-fatt naraw tnejn li t-tarf tagħhom għandhom bħal ras maħduma fl-istess għadam, u din ir-ras ta' bniedem għandha naturalment l-istil tax-xagħar. Minħabba, li kif diġà għedna, l-istil tax-xagħar kien jinbidel, allura esperti jistgħu jgħidu wkoll ta' liema perijodu huma dawn l-isplenguni, billi jinnutaw l-istil tax-xagħar. Skond l-esperti, dawn iż-żewġ splenguni li hemm fil-kollezzjoni Maltija, huma tal-perijodu ta' l-aħħar tat-tieni u l-bidu tat-tielet seklu wara Kristu.

Hemm ukoll biċċiet tal-fajjenza. Dan kien prodott magħmul l-aktar fl-Eġittu u kien isir minn taħlita ta' ramel u tafal, u wara li jiddaħħal fil-forn, jibda jbiddel il-kulur u jispiċċa jew blu jew aħdar, inkella taħlita tat-tnejn. Dawn kienu jsiru f'diversi daqsijiet u forom, iżda l-aktar tondi biex jitwaħħlu flimkien ħalli jkunu jistgħu jiffurmaw kolonni.

Kif wieħed jista' jara, żminijiet ir-Rumani kienu joffru spettaklu ta' oġġetti vanitużi, u dawn li semmejna huma biss ftit minn oħrajn li nsibu f'dan il-mużew.